# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 4 ta' Novembru 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru. 155/2012/1**

## Godfrey Ciangura

**v**

## Il-Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari et

1. Waqt is-smigħ tal-31 ta' Mejju 2024, l-attur li, flimkien mal-avukat tiegħu, kien preżenti, ngħata sal-15 ta' Settembru 2024 biex iressaq id-dokumenti li xtaq li jistrieħ fuqhom bħala provi; u biex iressaq affidavit tiegħu stess u ta' kull persuna oħra li setgħet tixhed b'dan il-mezz. In kwantu għall-provi *viva voce,* l-attur iddikjara li xtaq iressaq persuna minn naħa tal-intimati. Dan għandu jitressaq fis-seduta li tmiss, jiġifieri fil-5 ta' Novembru 2024.

2. L-attur ma osservax it-terminu mogħti fir-rigward tad-dokumentazzjoni u tal-affidavits.

3. Fit-23 ta' Ottubru 2024 l-attur ressaq talba biex it-terminu li għalaq fil-15 ta' Settembru 2024 jiġi estiż. Ir-raġuni li ngħatat hi li 'kemm minħabba li din il-kawża ilha pendenti għal diversi snin u kemm minħabba illi fl-uffiċju ta' l-avukat [Camilleri] ossia 51, St. Christopher Street, Valletta qiegħdin isiru xogħolijiet ta' natura strutturali l-avukat [Camilleri] irriskontra diffikultajiet biex ikollu aċċess għall-file tiegħu ta' din il-kawża u

allura anke d-dokumenti pertinenti għall-istess'. Ingħad ukoll li 'l-attur kien diġà ħejja affidavit tiegħu bid-dokumenti fl-2012 li kien merfuh fil-file relattiv'.

4. Il-liġi taħseb għal estensjonijiet ta' termini ġudizzjarji.[1] Imma ma tagħtix lill-qorti diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Skont l-art. 106 tal-Kap. 12 talba għal estensjoni ta' żmien ġudizzjarju trid issir qabel ma jagħlaq iż-żmien li tiegħu tintalab l-estensjoni, u irid ikun hemm raġuni tajba għaliha.[2] Kif qalet din il-qorti, presjeduta minn imħallef ieħor, l-elementi huma kumulattivi u 'anki jekk imqar wieħed minnhom ma jkunx sodisfatt, il-qorti għandha tiċħad it-talba għat-tiġdid tat-terminu'.[3] Jista' jiżdied li dan iservi sabiex ikun hemm iċ-ċertezza tad-dritt, u biex jiġu evitati d-diskriminazzjoni u l-abbużi. Il-punt għamlitu l-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja fil-kuntest, naturalment, tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, imma l-prinċipju hu, fil-fehma tal-qorti, l-istess:

> "According to settled case-law of the Court of Justice, the strict interpretation of European Union legislation concerning procedural time limits satisfies the requirement of legal certainty and the need to avoid any discrimination or any arbitrary treatment in the administration of Justice …".[4]

5. Kif rajna, ir-rikors tressaq tard u għalhekk il-qorti ma tistax ħlief tiċħdu.

6. F'kull każ, ir-raġuni mogħtija mhix waħda tajba. Il-ġurisprudenza - almenu dik magħrufa lill-qorti - ma tantx tidher li analizzat it-tifsira tal-frażi 'raġuni tajba' kif użata fl-art. 106. Iżda hemm ġurisprudenza kostanti dwar it-tifsira ta' l-istess frażi kif użata fl-art. 158(10) tal-Kap. 12.[5]

---

[1] Kif inhu magħruf, mhux kull terminu jista' jiġi estiż: pereżempju, il-liġi ma taħsibx għall-possibilità ta' estensjoni taż-żmien mogħti biex jitressaq appell minn sentenza.

[2] L-art. 106 jgħid ukoll li t-terminu ma jridx ikun wieħed perentorju. X'ifisser dan fir-rigward ta' termini legali - li ukoll huma regolati bl-art. 106 - hu ċar. Jeżistix terminu ġudizzjarju perentorju hu inqas ċar, imma l-punt mhux relevanti hawn għaliex it-terminu in kwistjoni ma ġiex stabbilit bħala tali.

[3] 589/2021 *L-Avukat Dott. Renzo Porsella-Flores et v. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et*, para. 9, deċ. 18 ta' Jannar 2022 (per Onor Imħallef C Falzon Scerri).

[4] Każ T-691/14, *Servier u oħrajn v Kummissjoni*, deċ. 12 ta' Diċembru 2018, para. 172

[5] F'sentenza riċenti, il-Qorti tal-Appell sabet li, fid-dawl tal-kuntest li fih kienu użati, kliem differenti f'liġijiet differenti jistgħu jkollhom l-istess tifsira: ara 1164/17/1 *Carmelo Zammit et v Accountant General et*, deċ. 22 ta' Ottubru 2024, para. 17. Il-qorti jidhrilha li hemm każ x'isir li kliem jew frażijiet identiċi użati fl-istess liġi għandhom jitqiesu li għandhom l-istess tifsira, sakemm ma jkunx hemm raġuni tajba biex jinstab mod ieħor. Fi kliem ieħor, għandu jkun hemm preżunzjoni *juris tantum* li t-tifsira tagħhom hi identika. Ara, dwar l-użu tal-istess kelma jew frażi fl-istess att leġislattiv, Scalia and Garner, *Reading Law: The Interpretation of Legal Texts* (2012), paġni 170 – 173.

7. Il-kuntest hu ukoll, in effett, l-istess: in-nuqqas ta' żamma ma ordni ta' qorti, u r-raġunijiet li jistgħu jinġiebu biex in-nuqqas ma jissarrafx f'konsegwenzi ħżiena għal min ikun naqas.

8. Għaliex il-frażi hi identika fiż-żewġ artikoli; għaliex iż-żewġ artikoli jinstabu fl-istess kodiċi; u għaliex il-kuntest li fih tintuża l-frażi hu kważi identiku, il-qorti tqis li t-tifsira tal-frażi 'raġuni tajba' fiż-żewġ artikoli msemmija għandha titqies li hi l-istess. Għalhekk, il-qorti għandha tapplika l-istess metru li japplika biex titqies raġuni hix tajba għall-finijiet tal-art. 106 kif japplika għall-art. 158(10). Dan ifisser li n-negliġenza ta' parti jew ta' mandatarju tagħha ma tistax tingħata bħala raġuni biex jiġi estiż terminu.[6] Ferm inqas ma tista' tingħata raġuni li turi li l-parti ma tkunx tat, jew li l-mandatarju tagħha ma jkunx ta, każ kif jixraq lil terminu ta' żmien mogħti minn qorti. Jekk, forsi, jista' jiġi argumentat li raġuni tajba ma għandhiex tkun biss forza maġġuri, ma jistax jiġi serjament argumentat li nuqqas li jmur lil hinn min-negliġenza ordinarja għandu jitqies bħala raġuni tajba għal estensjoni.[7]

9. F'dan il-każ, anki kieku l-attur ressaq it-talba fil-ħin, ma kienx jikkonvinċi lill-qorti li kellu raġuni tajba għal estensjoni, lanqas kieku l-metru kellu jħalli l-possibilità tal-għotja ta' estensjoni f'xi każi ta' negliġenza ordinarja. L-attur u l-avukat tiegħu kienu preżenti meta l-attur ngħata tliet xhur u nofs biex iressaq il-provi in kwistjoni; u għalkemm dan ma jirriżultax mill-verbal, it-terminu ikun ġie diskuss mal-avukat. Kellu wkoll, kif jammetti hu stess, snin twal biex jiġbor il-provi. Kull ma kellu jagħmel hu li, fit-tliet xhur u nofs li kellu, jiżgura li l-fajl jkun disponibbli biex josserva t-terminu u dan billi, qabel ma bdew ix-xogħolijiet, jinħareġ mill-uffiċju, jew li jara li baqa' aċċessibbli, u li jiġi hekk aċċessat.[8] Li ma żgurax li l-fajl jinħareġ qabel ma bdew ix-xogħolijiet jew li ma għamilx l-isforz meħtieġ biex jiġi aċċessat il-fajl wara li bdew, juri li ma tax każ kif suppost tat-terminu u,

---

[6] Ara *Cassar v Vassallo*, Vol XXIX.i.1581, li fuq l-iskorta tagħha, u tas-sentenzi anteċedenti li t-tagħlim tagħhom ġie magħsur fiha, ngħataw għexieren ta' deċiżjonijiet.

[7] Ara 201/2021 *Charlene Friggieri v Claudio Mangion et,* deċ 15 ta' Marzu 2024 fejn tressaq argument, *obiter,* li hemm każ biex il-*culpa levis* ma tkunx dejjem eskluża, fil-prinċipju, bħala raġuni tajba għall-finijiet tal-art. 158(10) tal-Kap. 12. Madanakollu, anki kieku l-qrati kellhom inaqqsu l-egħbusija tat-tifsira mogħtija lill-frażi in kwistjoni, dan, fil-fehma tal-qorti, għandu jsir b'mod meqjus, għaliex (i) l-obbligu hu fuq il-qrati biex jiżguraw smigħ xieraq fi żmien raġonevoli; u (ii) ordni ta' qorti għandha tingħata l-importanzi li jistħoqqilha kemm mill-partijiet u kif ukoll mill-avukati u l-prokuraturi legali mhux tant, jew biss, bħala mandatarji, iżda bħala uffiċjali tal-qorti.

[8] Fir-rikors, tissemma' biss diffikultà biex ikun hemm aċċess, mhux impossibbiltà. Anki jekk kien hemm element ta' diffikultà, il-qorti ma tarax li din setgħet kienet diffikultà li riedet xi sforz partikolari biex tiġi megħluba.

possibbilment, li jekk ġie biex jipprepara l-provi qabel ma għalaq it-terminu, assuma li ser tingħata estensjoni, u allura ma għamel xejn qabel ma skada. Dan mhux aġir li għandu jew, aħjar, jista' jitqies li jiġġustifika estensjoni ta' terminu mogħti minn qorti, hu x'inhu l-metru użat.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-talba hi miċħuda.

Mogħti kameralment.

Henri Mizzi
Imħallef